# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tmienja u għoxrin (28) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 9 ta' Ġunju, 2009 fis-6:45pm, fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, Noel Galea **ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba tal-bidu.

2. Is-segretarju eżekuttiv qara **l-minuti** tas-seduta numru sebgħa u għoxrin (27), dawn kienu korretti, approvati u ffirmati.

PUNTI MILL-MINUTI

3. Dwar il-**ftehim tal-ħofor tal-festa** propost minn dan il-kunsill, li kien iffirmat mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ) fis-seduta numru 27, dalgħodu ġie s-Segretarju tas-Soċjetà Santa Marija waqt li s-segretarju eżekuttiv kien qed jieħu r-ritratti ta' numru sostanzjali ta' siti fir-raħal għall-fuljett u l-iskrivana u l-voluntiera ma sabux il-kopja li kien diġà hemm il-firem fuqha. Fil-jiem li ġejjin is-Sur C Ellul se jiġi jiffirma.

4. Reġa' kien diskuss il-**ftehim** li dwaru nġibditilna l-attenzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi li ma setax isir minħabba li jmur kontra l-interessi tas-sidien tal-kabbani tal-festa, għax inaqqas il-kompetizzjoni ġusta, u fuq kollox is-SMMTĠ lanqas ma aċċettawh. Għalhekk, issa l-kunsill se jimmaniġja l-permessi tal-kabbani, it-traffiku, it-tindif u s-servizzi mediċi fil-festa. Is-sindku qal li minn naħa tagħna naqqasna n-numru tal-gwardjani lokali nhar il-festa għaliex dak in-nhar ma jkunx hawn viżitaturi daqs lejlieta. Dwar id-diffikultà affaċċjata mis-segretarju eżekuttiv biex jagħti permessi lis-sidien tal-kabbani li s-soltu jarmaw fuq posti minn 1sa 9, is-sindku qal li s-SMMTĠ kellhom jimmarkaw biż-żebgħa l-posti mal-art fejn iriduhom huma. Dan fil-fatt kien għadu ma seħħx sa ftit minuti qabel din il-laqgħa, u huwa kellem lis-segretarju tal-każin propju fil-laqgħa tal-KLM minn fuq it-telefon. Għal dan il-għan kien deċiż illi l-permessi numru 4 u 5 ma jingħatawx. Peress li inċidentalment il-posta numru 5 kienet dik li l-KLM jikkonċedi lis-SMMTĠ, is-segretarju eżekuttiv ingħata struzzjonijiet biex din tintrama faċċata mal-ħajt tal-ġibjun, dejjem fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

5. Dwar il-kuntrattur ***Environmental Landscapes Consortium Ltd*** is-sindku qal li dawn fil-ġimgħat li għaddew reġgħu abbandunaw ir-raħal. Infatti huwa oġġezzjoni ma' Dr Cuschieri dwar din it-telqa u l-*Consortium* minn naħa tiegħu għamel sforz biex żabar ir-radikal tal-*oleander* tas-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kines regolarment il-ġnien ta' fuq il-Mentna u kellhom iqabbdu xtieli ġodda tal-lantana f'Misraħ il-Fidwa, biex tifforma unita l-*hedge*. Minkejja dan, waqt żjara li għamlu fuq dawn is-siti kollha, is-segretarju eżekuttiv u s-Sur Charles Attard, il-*foreman*, l-akbar nuqqas li sabu kienet xi ħaġa li ma kienx għamel osservanza dwarha l-kunsill – iż-żabra tal-*hedge* li gguffat ferm fil-ġnien f'Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira. Din se ssir fil-jiem li ġejjin.

6. Biex il-**KLM seta' japplika** sabiex ikollu l-uffiċċju tiegħu aktar aċċessibbli għall-pubbliku, fuq inizjattiva oħra tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, kellna ninvestu fi pjanti u diżinji bil-perit tagħna li jammontaw għal ammont konsiderevoli, kif ukoll

f'applikazzjoni tal-*MEPA* għaliex l-uffiċċju tagħna jinsab f'bini skedat għall-importanza tiegħu. L-istess kellna nagħmlu biex applikajna għall-Fondi Speċjali għal-lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali. It-talba tal-kunsill kienet it-toroq imkissrin: Troll, Pal, Mitħna, Aħwa Ghigo u Xriek. Dawn l-istima tagħhom telgħet għal €102,000.

7. Dwar it-**trinka** li hemm bżonn li ssir fil-Pjazza tal-Knisja il-*GO plc*., tawna l-*ispecifications* filwaqt li se nerġgħu nagħmlu kuntatt mal-uffiċjal tal-*Melita plc* sabiex nagħmlu *follow up* tal-laqgħa li kellna miegħu ftit taż-żmien ilu.

8. Dwar is-**sejħa mill-ġdid għal-librar /a,** is-sindku qal li minkejja li għandna kollox lest biex din toħroġ, id-Direttur Libreriji Pubbliċi qed jinsisti li ssir laqgħa ma' Ms Sciortino u jkun amendat il-ftehim li sar aktar kmieni s-sena l-oħra bejn l-Iskola, l-Kunsill u l-istess Dipartiment, qabel ma toħroġ l-offerta. Sadanittant waqt il-laqgħa li seħħet fl-istess sit mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, is-segretarju eżekuttiv sab l-*Uninterrupted Power Supply (UPS)* fl-istess librerija li kien allegat li nstab nieqes. Ritratt tiegħu li ttieħed bil-*mobile* ċellulari tas-segretarju eżekuttiv, ġie muri lill-kunsillieri fuq il-*lap top* tiegħu fis-seduta stess. Din is-sejba saret fil-preżenza tas-sindku, deputat sindku u l-istess prinċipal. Il-KLM hu determinat li jekk ma jsib lil ħadd li hu lest li jiftaħ il-librerija filgħodu, se jinsisti li jibda' jiftaħa filgħaxija biss, kif kien isir fl-imgħoddi.

9. Waħda mil-**laqgħat** li kellhom is-sindku u d-deputat sindku mas-**Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali,** is-Sur Tony Pace, kienet tittratta l-immaniġjar tal-katakombi tal-Mentna. F'din il-laqgħa sar magħruf illi *Heritage Malta* m'għandha l-ebda titlu fuq dan is-sit kuntrarju għall-pretenzjonijiet tagħhom. Infatti l-kunsill se jikkunsidra li jiffirma kuntratt mal-istess Sovratendenza sabiex finalment ikollna ċavetta ta' dawn il-katakombi. Fil-ġimgħat li ġejjin wieħed jittama li jkollna f'idejna abbozz ta' dan il-ftehim.

10. Dwar il-**Ħajt tal-Matla,** wara li l-kunsill għamel id-diżinji bil-perit tiegħu biex dawn jiġu sottomessi mal-applikazzjonijiet tal-Iżvilupp Rurali kif ukoll ħallas l-applikazzjoni tal-*MEPA*, induna li hemm partijiet li fih jinsab dan il-ħajt, li l-gvern għadu ma ħallasx għall-*expropriation* tagħhom lill-eredi (ħdax b'kollox). Minkejja li sar tentattiv mis-sindku sabiex jikkonvinċihom jagħtuna permess, sfortunatament hu qal li ma rnexxilux jikkonvinċihom kollha.

11. L-applikazzjoni għall-*ERDF* għall-iżvilupp propost fis-sit tal-**Barriera tal-Mitħna**, daħlet fid-Dipartiment tal-*Planning and Priorities Department* (*PPCD*) mill-uffiċċju tagħna wara li saru is-seba' kopji. F'dan il-proġett ta' ġnien interattiv propost b'tisħib mal-Kulleġġ San Benedittu li jipprova jittappja €1.2 miljun, kienet integrata sistema ta' pannelli fotovoltajiċi ħalli jkun mixgħul b'sistema solari. Dwar dan kien hemm diskussjoni dwar l-applikazzjoni ta' Bertu Agius li hu mistenni li jgħaddi bi triq biswit din il-barriera biex il-vetturi tiegħu tqal, minn u lejn il-barriera jevitaw jgħaddu biswit il-kappella ta' Santa Katerina. Reġa' ssemma wkoll dak li kien qal is-sindku drabi oħra, li fil-fatt il-kunsill fil-leġiżlatura preċedenti qatt ma kien applika għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja fuq dan is-sit, minkejja li kien ħejja kollox biex jagħmel dan.

12. Is-sindku ta kopja ta' ittra ta' protesta lill-kunsillieri, indirizzata lis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni mill-Kunsill Lokali Siġġiewi biex issir il-**manutenzjoni fl-iSqaq tan-Nar.** F'din l-ittra s-sindku talab li din il-parti tal-konfini, tkun tifforma parti mil-lokalità tagħna, u fuq kollox, biex nieħdu l-fondi għall-manutenzjoni tagħha.

13. L-**Estimi Finanzjarji 2009-10** wara li kienu approvati se jkunu mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fil-jiem li ġejjin.

14. Huwa iminenti x-xogħol li se jsir fuq Triq Valletta Żurrieq li tmiss mal-konfini tal-Imqabba. Għaldaqstant, jidher li se jkun hemm *deviation route* minn Triq iż-Żurrieq lejn il-Qrendi kif

ukoll minn **Triq Ħal Kirkop** lejn l-Imqabba. Is-sindku huwa nfurmat illi l-offerti għalqu diġà u hemm ċans tajjeb li Triq Ħal Kirkop, Mqabba tkun mogħtija kisja qatran, peress li l-kuntrattur huwa marbut li joffri toroq alternattivi ta' devjazzjoni.

15. Paul Spiteri semma' l-ħtieġa li jkun irrappurtat ***manhole*** **tad-drenaġġ** quddiem il-*garage* ta' Christian (kważi kantuniera ma' Triq is-Siġġiewi), għaliex tfaċċat toqba u l-*manhole* tista' tisfronda għal isfel bil-piż tal-vetturi.

16. Il-Kunsill Lokali Mqabba organizza b'suċċess il-**ħarġa għal Għawdex** u għal din l-attività konna mhux inqas minn sebgħa u tletin persuna. Is-sindku qal li se nippruvaw nagħmlu waħda simili għal Settembru 2009. Il-prezz għal din il-ħarġa kien ta' €22 għall-adultu u €19 għall-anzjani u t-tfal.

17. Dwar il-**fuljett**, is-sindku ddeskriva kif se nibdlulu l-format tiegħu. Sal-lejla stess konna għadna nibagħtu l-artikli lill-kumpanija *Best Print* b'*e-mails* waħda wara l-oħra minħabba l-kobor tagħhom, bl-aħħar messaġġ tal-viċi sindku kien għadu kemm jasal ftit tal-ħin qabel ma bdiet din il-laqgħa. Għad fadal pendenti l-faċċata u l-*captions* tar-ritratti.

18. Għall-**bibita** li se jorganizza l-KLM lis-SMMTĠ nhar il-Ħamis, 13 ta' Ġunju 2009, is-sindku qal li din jaqbel li ssir isfel sabiex naġevolaw ftit lill-president li għadu ma rkuprax għal kollox mill-inċident li kellu. Is-sindku talab l-għajnuna tal-kunsillieri, u l-viċi sindku qal li se jkun jista' joffri persuna biex tgħin f'din il-bibita fl-assenza tas-segretarju eżekuttiv.

19. Għadna mingħajr risposta għat-talba li għamilna biex tingħata isem triq ġdida fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Il-kelma ners flok infermier, għall- propost isem mill-kunsill, Ġużepp Galea, kienet suġġerita fuq xewqa tal-Onor Dr Louis Galea, l-*ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati stess, peress li dan huwa missieru.

20. Peress li l-etajiet tal-Kunsillieri Paul Spiteru kif ukoll Grace Marie Mallia m'humiex kompatibbli ma' dawk taż-żgħażagħ li minn sena għall-oħra jiffurmaw il-**Parlament taż-Żgħażagħ**, qed jiġi propost li nsibu żewġ adoloxxenti biex jirrappreżentawna f'din l-'istituzzjoni'.

21. Grace Marie Mallia semmiet kif hija talbet informazzjoni lil Maria Zahra, il-voluntiera li qed tagħmel xogħol fil-muniċipju tagħna u **allegat li din l-informazzjoni ma ħaditiex.** Hawn intqal li fil-fatt hija talbitha tagħrif dwar kemm kienu l-biljetti tal-ħarġa t'Għawdex li kienet se tinżamm permezz tal-kumpanija *Garden of Eden*. Dwar dan il-każ, saret osservanza li kunsillier ma jistax jiġi mċaħħad minn informazzjoni bħal din mill-istess voluntiera tal-kunsill. F'dan il-każ, fil-fatt daħal is-sindku fejn qal li huwa kien diġà għamel l-arranġamenti kollha ma' din il-kumpanija u stieden lill-kunsillieri sabiex jattendu aktar fil-kunsill ħalli tingħatalhom aktar informazzjoni mhux fid-drabi biss li jinżammu l-laqgħat tal-kunsill. Barra minnhekk, Noel Galea qal li Marija Zahra għandha struzzjonijiet li għal kull ħaġa, tieħu l-parir tiegħu.

22. Kien diskuss ir-**rapport finanzjarju tal-awditur għas-sena 2008/9** li għalaq b'*deficit* ta' madwar €14,000. Hawn Nicholas Briffa qal li minkejja li d-dħul tal-KLM kien aktar minn dak tas-sena preċedenti, xorta waħda spiċċajna bid-dejn, għaliex l-operat u l-manutenzjoni splodew 'il fuq. Huwa kkompara l-aħħar sentejn fejn inċidentalment ma kien hemm l-ebda spiża kapitali materjali fit-tnejn. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li l-vot 2300 ma jfissirx biss tarmak iżda fih ukoll l-ispejjeż li qed isiru ta' materjal li jużaw il-ħaddiema tagħna tal-*IPSL*. Hawn kien mistħarreġ x'għamlu fil-fatt dawn il-persuni matul din is-sena biex dan il-vot tela' għal ċifra kbira. Nicholas Briffa qal li dan jikkonferma iżda li l-manutenzjoni ta' toroq bil-boroż tal-qatran (magħrufa bħala tal-emerġenza) fiż-żmien illi kien hu sindku, kienet qed tħalli l-frott biex ġiet imrażżna l-ispiża. Hu qal illi meta kien sindku hu, u sab *deficit*, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien żammu milli jorganizza xejn bħala *community and hospitality*. Tant li lanqas Jum l-

Imqabba ma seta' jsir li kieku ma kienx ħallas hu mill-onorarja tiegħu biex setgħu isiru l-affarijiet bażiċi. Dan sar minkejja li konna għamilna laqgħa mad-Direttur Gvern Lokali sabiex id-dejn naqtgħuh fuq medda ta' tliet snin. Intant, ir-rapport kien approvat u ffirmat.

23. Noel Galea informa lill-kunsillieri li ċemplulu mill-*BOV* u qalulu li dawn riedu jiltaqgħu miegħu u mas-segretarju eżekuttiv. Dawn offrew pakkett ta' **self ta' flus mill-bank** għax huma lesti li jgħinuna. Is-sindku qal li minkejja li l-applikazzjonijiet għall-Iżvilupp Ruarli huma 100% *refundable*, peress li l-ewwel iridu jitħallsu, jista' jkun hemm nuqqas ta' *cash flow* fil-kunsill. Kif konna qed niddiskutu magħhom, is-sindku semma l-proposta ta' self ta' flus biex ikunu jistgħu isiru l-ħamsa u għoxrin triq fl-Imqabba u kif il-mozzjoni kienet approvata minkejja b'maġġoranza sempliċi u mhux unanima. Għal dan il-proġett il-bank qed jantiċipa li l-*loan repayment* ikun ta' €47,000 kull sena iżda meta mifrux fuq ħmistax-il sena u mhux kif tgħid il-mozzjoni fuq tnax. Hawn Nicholas Briffa qal li jibqa' kontra dan il-*loan* għaliex fir-raħal mhux veru fadal dawn it-toroq biss xi jsiru. Infatti t-toroq li huma kkunsidrati tajba, diġà fihom ammont ta' ħofor speċjalment dawk maqlugħa minn ħaddiema tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Is-sindku qal li huwa mhux lest li jiffirma għal dan it-tħaffir (minkejja li bħal issa m'humiex jitolbu l-firma tas-segretarju eżekuttiv) biex isir dan it-tħaffir. Hu qal li se jgħaddi *bye-law* sabiex fir-raħal ma jkun jista' jħaffer ħadd sakemm il-perit tagħna ma jiċċertifikax li r-*reinstatement* tax-xogħol huwa ta' *standard* aċċettabbli.

24. It-tema tal-**festa** kompliet tiġi diskussa wkoll billi s-sindku rrefera għall-istediniet li saru permezz ta' ittra li l-kunsillieri għandhom kopja tagħha. Dan ifisser li hemm il-kunċert tat-Tlieta u s-Sibt fuq il-planċier u l-Quddiesa tal-paneġierku l-Ħadd filgħodu fil-ġimgħa tal-festa. Hu fakkar ukoll fir-*reception* li se jagħmel il-kunsill nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju fil-Bitħa tal-Muniċipju. Peress li din is-sena taħbat il-Ġublew tal-Fidda ta' Teddy Farrugia, bħala President tas-SMMTĠ li kien ukoll kunsillier jirrappreżenta lil din is-soċjetà fil-kunsill, kien deċiż li jingħata *token* lill-każin u ieħor lilu. Sadanittant il-kunsillieri huma nfurmati li fil-marċ ta' nofs in-nhar, se jonoraw il-ftehim li kien sar diversi snin ilu u l-bandisti jingħataw *drink* tal-okkażjoni.

25. Kien diskuss l-immaniġġjar ta' traffiku fil-festa, b'kordinament mal-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta, l-Pulizija u l-Gwardjani Lokali. B'riferenza għall-**għeluq ta' toroq** bil-ktajjen u l-katnazzi, il-kunsill se jikteb formalment lis-SMMTĠ illi dawn iridu jiżżarmaw mid-9:00pm 'il quddiem. Din is-sena mhux se joħorġu *passes* għall-vetturi li jkollhom bżonn li jidħlu fir-raħal u kull sewwieq li għandu l-karta tal-identità fuq l-Imqabba se ssir talba mal-pulizija u l-gwardjani lokali, sabiex jitħalla jidħol fejn viżitaturi mhux se jkunu jistgħu jagħmlu dan. Madankollu se ninfurmaw b'dan lir-residenti ta' dawn it-toroq li se jkunu affettwati bl-għeluq tagħhom.

26. Issemmiet it-talba li għamel dan il-kunsill mal-**Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta** biex parti minn Triq San Bażilju, (il-parti ta' wara l-Knisja) ssir *one way*. Dan biex nevitaw konġestjonijiet fejn il-Każin ta' Santa Marija, fejn il-ħanut tal-pastizzi u dak tal-ħaxix.

27. Is-sindku semma kif kellu x-xorti jiffirma ftehim mal-*EUPA* li jfisser li se ningħataw €8,879.65 biex nhar it-2 ta' Ottubru 2009, tinżamm l-attività nazzjonali l-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien**. F'dan ix-xahar, f'Jum l-Imqabba, se jsiru *workshops* li se jgħinuna nikkwalifikaw għal dawn il-fondi tal-Unjoni Ewropeja, u wkoll fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. Is-Sindku qal li se napplikaw ukoll għall-ko-finanzjament minn fond speċifiku li qed joħloq il-gvern ċentrali. Issemma Noel Castillo li se jieħu kummissjoni fuq dawk kollha involuti fil-*performing arts* li se tkun dovuta biss mill-istess artisti li se jikkontribwixxu tul l-attività. Biex tippromwovi din l-attività s-sindku ippropona tliet *notice boards* sabiex jitwaħħlu fir-raħal, fejn il-kunsill ta l-approvazzjoni tagħhom bħala kampanja pubbliċitarja fit-tul.

28. Paul Spiteri irrapporta l-*bus shelter* bil-bank imkisser fejn il-Kappella ta' Santa Katerina fl-istess triq.

29. Dwar l-għoti ta' **kumpens tal-petrol** lill-impjegat tal-*IPSL*, is-sindku staqsa lil Paul Spiteri kemm jingħataw għal kull mil il-ħaddiema tal-gvern. Huwa rrispondih 0.37ċ għal kull mil. Dan ifisser li fil-fatt is-Sur Spiteri qed jingħata inqas minn hekk.

30. Kienet approvata u ffirmata l-***Payment Approval Sheet*** **numru 347**.

31. Grace Marie Mallia nnutat **ħofra quddiem il-bieb ewlieni tal-berġa** li tinħtieġ ftit manutenzjoni kif ukoll il-bżonn li l-ħaddiema tal-kunsill ikollhom kors fil-*fire fighting* minn xi ħadd espert.

32. Is-sindku talab sabiex is-segretarju eżekuttiv jinforma lill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta dak li konna infurmati permezz ta' *e-mail* mis-segretarju tas-SMMTĠ illi s-**Sibt 13 ta' Ġunju, se tingħalaq il-Pjazza** minħabba li se jkun armat il-planċier u għalhekk it-trasport pubbliku se jkollu jgħaddi minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-sindku talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv sabiex jagħmel avviżi mal-*bus shelters* biex il-pubbliku jkun infurmat.

33. Is-sindku talab ukoll lis-segretarju eżekuttiv sabiex jikri l-***portable toilets*** fil-ġranet tal-festa kif sar is-sena ta' qabel, mingħand *Green Lines*.

34. Is-sindku informa lill-kunsillieri li konna mitluba aktar informazzjoni għall-applikazzjoni ta' **lokalità sostenibbli** fejn qed nitolbu *grant* ta' €25,000.

35. Is-sindku qal li l-Korporazzjoni Enemalta **solvew il-problema ta' vultaġġ baxx** fi Triq it-Torri Vinċenti wara li ġiegħlu lil sid il-barriera jinstalla apparat magħruf bħala *star delta* sabiex x'ħin iqabbad il-makni tal-ġebel fil-barriera, ma jiġbidx il-kurrent kollu hu u jaffettwa s-servizz tal-oħrajn.

36. Ingħata l-appuntament sabiex il-kunsill iżur lill-ET il-President ta' Malta nhar l-24 ta' Ġunju fl-10:30am.

37. Il-laqgħa li jmiss ta' dan il-kunsill se tinżamm nhar it-23 ta' Ġunju 2009.

38. Kien irrappurtat ħaxix ħażin li wasal biex jinqala' f'Misraħ il-Fidwa u fi Triq tas-Sejba.

39. Il-laqgħa ntemmet fl-10:00pm

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*23 /06 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |